MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 905/1995/1

**Saviour Farrugia ghan-nom u in rapprezentanza tat-Telemalta Corporation; u b'digriet tas-26 ta' Jannar 1999 il-kawza tkompliet f'isem is-socjeta' Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Marco Psaila f'ismu proprju u occorrendo bhala gia legittmu rapprezentant ta' bintu Brigid Psaila (gia minorenni); u Brigid Psaila (illum maggorenni)**

Il-Qorti,

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur Saviour Farrugia, fil-kwalità tieghu premessa, wara illi ppremetta illi Brigid Psaila applikat ghas-servizz tat-telephone fil-11 ta’ Jannar 1994 u dana gie lilha akkordat fit-18 ta’ Jannar 1994 b’numru 487187 u gie stallat fin-numru 14, Alley 2, Rock Street, Qormi (Dok. A u B); illi l-imsemmija Brigid Psaila, li dak iz-zmien li applikat, kif jidher mid-Dok. D mahrug fit-13 ta’ Jannar 1995, jirrizulta li kienet minorenni, u suppost toqghod mal-genituri taghha Marco u Rita Psaila f’Alley No. 14, 7, St. Mary Street, Ghaxaq u mhux fejn gie stallat is-servizz; illi l-imsemmija Brigid Psaila meta applikat u giet koncessa dan is-servizz kienet, kif ammettiet hi stess ma’ l-attur nomine, ghamlet hekk b’qerq sabiex tottjeni servizz biex jigi uzat abuzivament minn habib taghha, strangier, li bejn it-18 ta’ Jannar 1994 sal-10 ta’ April 1995, meta s-servizz gie mnehhi u sospiz mill-attur nomine, kien tella’ kont ta’ tlieta u sebghin elf u seba’ mija u erbghin lira u hmistax il-cent (Lm73,740.15) f’telefonati overseas (Dok C); illi l-agir ta’ Brigid Psaila kien qarrieqi u delittuz u l-konvenut missierha, bhala legittimu rapprezentant ta’ bintu, kien responsabbli ghall-agir taghha bhala minorenni skond il-Ligi, almenu sakemm lahqet l-età ta’ 18 il-sena; illi l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni li gew kagjonati lill-attur permezz tal-uzu abbuziv tas-servizz tat-telephone minn terza persuna, mhux maghrufa mill-attur nomine, izda maghrufa sew mill-konvenuti jew min minnhom u f’kull kaz ghal dan l-uzu tas-servizz telefoniku, huma passibbli l-konvenuti jew min minnhom; talab ghaliex il-konvenuti m’ghandhomx jigu kundannati (1) prevja d-dikjarazzjoni li huma responsabbli ghad-danni konsistenti fl-uzu abbusiv minn terza persuna minnhom fdata u maghrufa tal-imsemmi servizz li kien gie stallat fuq talba tal-konvenuti jew min minnhom biex jigi ottenut b’qerq servizz ghal dina t-terza persuna biex dina taghmel uzu minnu bla ebda responsabbiltà diretta ghall-hlas ta’ dana s-servizz; (2) li jhallsu lill-attur nomine in linea ta’ danni relatati mal-uzu tas-servizz telefoniku fuq numru 487187 stallat fil-fond 14, Alley 2, Rock Street, Qormi, s-somma ta’ Lm73,740.15 bejnithom u/jew kif tigi ripartita dina s-somma kif intqal fuq

u ghar-ragunijiet fuq premessi; bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' April 1995 kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-14 ta' Mejju, 1997 tal-konvenut Marco Psaila proprio et nomine illi permezz taghha eccepixxa:
1. Illi t-telefonati *overseas* ammontanti ghas-somma ta' tlieta u sebghin elf u seba' mija u erbghin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm73740.15) ma sarux minnu jew minn bintu Brigid, izda ghamilhom certu Duminku Chircop li kien habib ta' bintu Brigid, ad insaputa taghha u b'ingann, u meta din kienet tkun ix-xoghol;
Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Marco Psaila proprio et nomine, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri[1] pprezentata fit-tmintax (18) ta' Dicembru, 1998 illi permezz taghha gie eccepit:
1. Illi s-service agreement bejn it-Telemalta Corporation u s-subscriber huwa null stante li s-subscriber kienet taht l-età li tikkontratta;
2. Salve eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-hamsa (5) ta' Mejju, 2000 illi permezz taghha l-Qorti, wara illi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, ipprovdiet dwar it-talbiet attrici billi qalet illi l-konvenuti ghandhom iwiegbu ghal tliet partijiet minn erbgha (3/4) mit-telf, u ikkundannathom flimkien *in solidum* ihallsu lis-socjetà attrici hamsa u hamsin elf tliet mija u hames liri (Lm55,305), bl-imghax mill-21 ta' Dicembru 1995, meta kienet prezentata c-citazzjoni, u ordnat illi l-ispejjes, hlief

[1] Ghalkemm din in-nota tal-eccezzjonijiet tal-14 ta' Mejju, 1997, jidher li hi ta' Marco Psaila pro. et noe., filwaqt li dik tat-18 ta' Dicembru, 1998 ma tispecifikax ezattament ta' min, mill-konvenuti, hi, l-ewwel Qorti jidher li assumiet li l-eccezzjonijiet kienu qed isiru miz-zewg konvenuti flimkien.

dawk già decizi bid-digriet ta' l-4 ta' Dicembru 1998, jinqasmu hekk: parti minn erbgha (1/4) thallashom is-socjetà attrici, u tliet partijiet minn erbgha (3/4) jhallsuhom il-konvenuti flimkien, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Il-fatti ta' dan il-kaz graw hekk:

"Il-konvenuta Bridget Psaila telqet mid-dar tal-genituri taghha meta kellha sittax-il sena u marret toqghod ma' certu Dominic Chircop f'Hal Qormi. Fil-fond ta' Chircop kien hemm linja tat-*telephone* izda s-servizz kien maqtugh billi Chircop ma kienx hallas il-kont. Chircop kien qal lill-konvenuta biex taghmel talba ghal linja ohra fl-istess post f'isimha 'biex il-kont il-qadim ikun jista jaqa'. Il-konvenuta ghamlet kif kien qalilha Chircop, u wara xi ftit jiem inghatat is-servizz fuq isimha. Il-konvenuta xehdet ukoll li hi qatt ma nqdiet b'din il-linja ghax ma kellhiex lil min iccempel, billi dak iz-zmien ma kientix tkellimhom lill-genituri.

"Wara li l-konvenuta kienet telqet mid-dar tal-genituri taghha, missierha, il-konvenut l-iehor, kien inqeda' bl-ghajnuna tal-pulizija biex isibuha u jgibuha lura d-dar. Il-konvenut, izda, ghal xi zmien laqa' lil Dominic Chircop ukoll f'daru, ghax kienet baqghet il-hbiberija bejn Chircop u Bridget.

"Il-konvenut xehed ukoll li bintu kienet qaltlu li kienet ghamlet talba biex il-linja tat-*telephone* fil-fond ta' Chircop tkun fuq isimha; hu qalilha li ghamlet gennata izda ma jidher li ha ebda pass biex il-linja titnehha, u halla kollox ghaddej. Huwa minnu li l-konvenut xehed li kien mar ghand l-attrici biex jghidilha li ma riedx li l-linja tibqa' fuq isem bintu, izda, meta l-qorti insistiet mieghu biex ighidilha precizament x'ghamel u x'qal, baqa' ma wegibx. Il-qorti ghalhekk tifhem li fil-verità l-konvenut m'ghamel xejn, u wera l-istess atteggjament passiv bhal ma wera meta, ghal darbtejn, ma ressaqx l-eccezzjonijiet tieghu fiz-zmien li taghtih il-ligi.

"Il-konvenuti, meta mbaghad ircevew il-kont li huwa l-meritu tal-kawza tallum, fethu kawza kontra Dominic Chircop, u l-qorti, b'sentenza moghtija fit-18 ta' Jannar 1999, kienet qatghetha illi, ghall-ghan tar-relazzjonijiet

bejn Psaila u Chircop, u bla hsara ghall-jeddijiet ta’ l-attrici tallum, kien Chircop wahdu li nqeda bis-servizz tat-*telephone* bin-numru 487187, illi meta ffirmat il-ftehim tas-servizz il-konvenuta kienet minorenni, u illi kienet iffirmat ghax qarraq biha Chircop.

“Din il-qorti tifhem illi, kif qal l-avukat ta’ l-attrici fis-seduta tas-26 ta’ Jannar 1999, il-kontestazzjoni fil-kawza tallum hija dwar il-kwistjoni legali mqanqla fl-eccezzjonijiet tal-konvenuti. Fil-fatt il-konvenuti ma humiex qeghdin jikkontestaw la li kienet il-konvenuta li ghamlet it-talba ghall-linja tat-*telephone* u lanqas il-*quantum* tat-talba. Qeghdin ighidu biss li l-ftehim bejn l-attrici u l-konvenuta ma jiswiex ghax il-konvenuta kienet taht l-età meta sar il-ftehim, u li ma kienux huma li nqdew bis-servizz izda kien Dominic Chircop, li kien qarraq bil-konvenuta.

“Nibdew billi nqisu l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti, li tghid li l-ftehim bejn il-konvenuta u l-attrici ma jiswiex ghax, billi kienet taht l-età, il-konvenuta ma kellhiex il-kapacità li tintrabat b’kuntratt.

“Kif sewwa qal l-avukat ta’ l-attrici fis-seduta tas-26 ta’ Jannar 1999, it-talba ta’ l-attrici hija ghall-hlas ta’ obbligazzjoni gejja *ex delicto*, mhux *ex contractu*. Ghalhekk, ghall-ghanijiet tal-kawza kif maghmula, l-eccezzjoni hija irrilevanti. Naturalment, dan ma jfissirx illi jista’ jintalab il-hlas ta’ obbligazzjoni kontrattwali gejja minn kuntratt li ma jiswiex billi t-talba tkun maghmula bhallikieku l-obbligazzjoni hija wahda *ex delicto*. Jekk il-qorti ssib li l-obbligazzjoni hija tassew wahda kontrattwali, it-talba attrici ma tintlaqax, mhux ghax il-kuntratt ma jiswiex izda ghax ma hemmx talba ghall-hlas ta’ obbligazzjoni kuntrattwali, u l-qorti ma tistax taqta’ *extra petita*.

“Ghal din ir-raguni, ma hux mehtieg li l-eccezzjoni nqisuha aktar.

“Nghaddu issa biex naraw jekk il-konvenuti ghandhomx responsabbiltà *ex delicto*.

“Dwar responsabbiltà *ex delicto* ta’ minuri, il-Kodici Civili jghid hekk:

**1034.** Kull min jiehu hsieb ta’ wiehed minuri jew ta’ mignun, hu obbligat ghall-hsara li jaghmel il-minuri jew il-mignun meta huwa ma jkunx ha l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jigrix.

**1035.** L-imgienen, it-tfal ta’ taht l-età ta’ disa’ snin, u, meta ma jigix ippruvat li mxew bil-hazen, it-tfal ukoll li ma jkunux ghalqu l-età ta’ erbatax-il sena, mhumiex obbligati ghall-hlas tal-hsarat maghmulin minnhom;  izda jibqa’ shih il-jedd ta’ min ikun bata l-hsara ghall-azzjoni, meta hemm lok ghaliha, kontra dawk li huma obbligati ghal dawk il-hsarat, skond l-ahhar artikolu qabel dan.

**1036.** Madankollu, jekk min bata l-hsara ma jkunx jista’ jithallas taghha minghand dawk il-persuni l-ohra, minhabba li dawn ma jkunux obbligati jew minhabba li ma jkollhomx mezzi, u min ikun bata l-hsara ma jkunx, b’nuqqas ta’ diligenza, ta’ hsieb jew ta’ prudenza, ta huwa nnifsu lok ghall-hsara, il-qorti tista’, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b’mod partikolari l-mezzi ta’ dak li jkun ikkaguna u ta’ l-iehor li jkun bata l-hsara, tordna li din il-hsara tigi, kollha jew bicca minnha, imhallsa bi hwejjeg il-minuri jew il-mignun imsemmi fl-ahhar artrikolu qabel dan.

“Meta iffirmat il-ftehim il-konvenuta kellha aktar minn erbatax-il sena, u ghalhekk ghandha twiegeb ghall-hsara li tkun saret bi htija taghha.

“Fil-fehma tal-qorti, il-konvenuta ghandha htija ghal dak li gara.  Hi stess xehdet li Chircop kien qalilha li riedha tiffirma ghal linja fuq isimha ‘biex il-kont il-qadim ikun jista’ jaqa’;  *i.e.* biex Chircop ikun jista’ jkompli jinqeda bis-servizz bla ma jhallas ghalih.  Il-konvenuta, mela, kienet taf li, b’dak li kienet sejra taghmel, kienet sejra tghin lil Chircop jinqeda bis-servizz tat-*telephone* bla ma jhallas ghalih, u hekk iqarraq bl-attrici.  Mela kienet komplici ma’ Chircop f’dan il-hsieb u hallietu jinqeda b’isimha biex jilhaq il-ghan tieghu.  L-attrici, minhabba fil-paraventu ta’ isem

il-konvenuta, ma kinitx taf li s-servizz kien ghal Chircop ghax kieku, la kienet taf li dan ma kienx hallas il-kont ta' qabel, ma kinitx sejra taghtih linja ohra. Ghalhekk is-servizz tathulu, u sofriet danni ghax is-servizz tatu lil min ma jhallasx.

"Madankollu, il-qorti hija tal-fehma li l-attrici wkoll ghandha sehem mill-htija ghax, ghalkemm l-isem ta' Chircop kien mohbi lilha, l-indirizz fejn tqieghed is-servizz kienet taf liema hu, u ghalhekk kellha l-mezz biex issir taf li f'dak il-post kien hemm linja ohra li ma kinitx qieghda tithallas ghalih.

"Il-konvenut Marco Chircop [*recte* Psaila], min-naha l-ohra, ma jistax jitqies li hu 'legittimu rapprezentant' ta' bintu meta din taghmel hsara bi htija, bhallikieku ghandu jwiegeb bis-sahha ta' xi responsabbiltà vikarja; iwiegeb biss ghan-nuqqas tieghu stess, taht l-art. 1034 tal-Kodici Civili, talli 'ma jkunx ha l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jigrix'. Il-konvenut hu hati ta' dan in-nuqqas?

"Meta bintu telqet mid-dar, il-konvenut inqeda bil-mezzi li taghtih il-ligi biex igibha lura. Hu ma kienx jaf li kienet iffirmat ghal linja gdida hlief wara li iffirmat; madankollu, meta sar jaf, ma hax hsieb li minnufih jara kif jaghmel biex igharraf lill-attrici sabiex din tkun tista' tnaqqas it-telf. Ghalhekk, ghandu sehem mill-htija ghax ma ghamilx dak li, bil-ghaqal ta' missier tajjeb ta' familja, kien imissu jaghmel biex il-hsara ma tkomplix tikber.

"Ma hux maghruf kemm kien lahaq tela' l-kont meta l-konvenut sar jaf b'dak li ghamlet bintu, u ghalhekk ma hux possibbli li jkun maghruf meta tibda r-responsabbiltà tal-konvenut. F'dawn ic-cirkostanzi, ighodd b'analogija dak li jghid l-Art. 1050 tal-Kodici Civili:

**1050**. (1) Jekk il-bicca tal-hsara li kull wiehed ikun ikkaguna ma tkunx tista' tigi stabbilita, min ikun bata l-hsara jista' jitlob il-hlas tal-hsara kollha minghand kull min irid minn dawk li jkunu hadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi whud minnhom ma jkunux imxew dolozament, bla

hsara tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-iehor jew l-ohrajn.

“Ghal dawn ir-ragunijiet il-qorti hija tal-fehma illi l-konvenuti flimkien ghandhom iwiegbu ghat-telf ta’ l-attrici, izda l-attrici wkoll, minhabba htija kontributorja, ghandha tbati sehem mit-telf, u l-qorti, wara li qieset ic-cirkostanzi, qieghda tillikwida dan is-sehem li ghandha tbatih l-attrici f’parti wahda minn erbgha (1/4).

“Fadal li nqisu l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, li tghid li ma kinux huma li nqdew bit-*telephone*. Din l-eccezzjoni, fil-fehma tal-qorti, ma tistax tintlaqa’, ghax ir-responsabbiltà tal-konvenuti ma hix gejja mill-fatt li huma nqdew bit-*telephone* izda mill-fatt, fil-kaz tal-konvenuta, li ghenet lil Dominic Chircop biex iqarraq bl-attrici, u, fil-kaz tal-konvenut, ghax ma hax il-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja biex il-hsara ma tikbirx.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenut Marco Psaila proprio et nomine kif ukoll ir-rikors ta’ appell tal-konvenuta Brigid Psaila illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu li dina l-Qorti:
“tiddikjara s-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet imsemmija tal-5 ta’ Mejju 2000 fl-ismijiet imsemmija *Saviour Farrugia nomine vs Marco Psaila proprio et nomine et* bhala nulla u bla effett fil-ligi … u terga’ tibghat l-atti lura quddiem l-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Cvili u f’kaz li din it-talba tigi michuda … tirriforma s-sentenza … billi tikkonfermaha in kwantu ddecidiet li parti minn erbgha (1/4) mit-telf ghandha twiegeb ghalih is-socjetà attrici … u in kwantu li ddecidiet li parti minn erbgha (1/4) tal-ispejjez ghandha thallashom is-socjetà attrici u tirrevokaha in kwantu pprovdiet dwar it-talbiet attrici billi tghid li l-konvenuti ghandhom iwiegbu ghal tliet partijiet minn erbgha (3/4) mit-telf, u kkundannathom ‘in solidum’ ihallsu lis-socjetà attrici hamsa u hamsin elf tliet mija u hames liri (Lm55,305) bl-imghax mill-21 ta’ Dicembru 1995 u in kwantu ddecidiet li tliet partijiet minn erbgha tal-ispejjez u dawk decizi bid-digriet tal-4 ta’ Dicembru 1998 ihallsuhom il-konvenuti flimkien, billi tilqa’ l-eccezzjonijiet u l-aggravji tal-konvenuti appellanti (*sic*)”;

bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà attrici appellata;

Rat ir-risposta ta' l-appell tas-socjetà attrici illi biha ssottomettiet hekk:
"In-nullità rar-Rikors tal-Appell fl-ismijiet fuq premessi peress illi dana gie prezentat quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili; per konsegwenza s-sentenza tal-Onorabbli Prim' Awla tal-5 ta' Mejju 2000 issa ghaddiet in gjudikat;
"F'kull kaz u bla pregudizzju dina s-sentenza hija gusta u ekwa u kienet dejjem jisthoqqilha konferma";

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jinghad qabel xejn illi, in vista tal-korrezzjoni fl-isem tal-Qorti fir-rikorsi ta' appell, maghmula b'digriet tat-tnax (12) ta' Gunju, 2000, ma hemmx lok ghal provvediment dwar l-ewwel sottomissjoni, hawn fuq riprodotta, tas-socjetà attrici appellata;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel (1) aggravju f'kull wiehed mir-rikorsi ta' appell tal-konvenut Marco Psaila Proprio et nomine u tal-konvenuta Brigid Psaila huwa prattikament identiku u jaqra hekk:
"Preliminarjament, l-irritwalità tas-sentenza appellata, in vista tal-fatt illi l-Onorabbli Qorti tal-Prim' Istanza naqset milli tiddegreta talba ta' l-esponent [fir-rikors ta' appell ta' Brigid Psaila jinghad "tal-konvenuti"] ghall-kjamat fil-kawza ta' Dominic Chircop, u naqset ugwalment milli tiddegreta dwar it-talba tieghu ghall-konnessjoni tal-kawza odjerna mal-kawza fl-ismijiet *Marco Psaila pro et noe vs Dominic Chircop*, Citazzjoni Numru 1119/96NA";

Il-Qorti sejra issa tikkonsidra dan l-aggravju peress illi, jekk jirrizulta fondat, igib bhala konsegwenza d-

dikjarazzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, f' liema eventwalità ma jkunx hemm lok illi jigu trattati l-aggravji ta' l-appellanti fil-meritu;

Fil-paragrafu enumerat sebgha (7) tar-rikors ta' appell rispettiv taghhom il-konvenuti jispjegaw l-aggravju in ezami taghhom hekk:
"Illi fir-rikors taghhom tad-9 ta' April, 1996 a fol. 11 u 12 il-konvenuti barra milli sabiex (1) jiggustifikaw il-kontumacja taghhom, talbu lill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex tawtorizza (2) il-kjamata fil-kawza ta' Dominic Chircop u (3) smiegh kontestwali ta' din il-kawza flimkien mac-citazzjoni numru 1119/96NA li l-appellant [appellanti] u bintu [missierha] kienu pprezentaw kontra Dominic Chircop";

Illi, kif wiehed jista' facilment jiddezumi minn dak illi ghadu kemm gie citat, meta l-konvenuti ntavolaw l-imsemmi rikors taghhom tad-9 ta' April, 1996, huma kienu kontumaci. Ghalhekk, permezz ta' l-istess rikors huma setghu biss jitolbu illi l-Qorti tawtorizzahom jikkontestaw il-kawza (art. 158(10), Kap. 12). Iz-zewg (2) talbiet l-ohra setghu jaghmluhom biss jekk u meta jinghataw l-awtorizzazzjoni illi ghadha kemm issemmiet. Konsegwentement, l-ewwel Qorti ma naqset b'ebda meta ghaddiet ghas-sentenza appellata minghajr ma hadet konjizjoni ta', jew ipprovdiet dwar it-tieni, (2) u t-tielet (3) talbiet illi ghamlu l-konvenuti permezz ta' l-imsemmi rikors taghhom tad-9 ta' April, 1996. Ghaldaqstant, l-aggravju in ezami tal-konvenuti qed jigi respint;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel (1) aggravju fil-meritu tal-konvenut appellant Marco Psaila proprio et nomine kontra s-sentenza appellata, fi kliem ir-rikors ta' appell relativ, huwa:
"… in-nuqqas ta' negligenza ta' l-esponent fl-ezercizzju tal-kura rikjesta minnu bhala *bonus paterfamilias* fil-kura u kustodja tat-tifla minorenni tieghu Brigid Psaila; in-nuqqas ta' delitt min-naha ta' Brigid Psaila stess; u r-responsabilità primarja, diretta u preponderanti tas-socjetà attrici ghall-akkadut";

L-ewwel (1) aggravju fil-meritu tal-konvenuta appellanti Brigid Psaila huwa bhal dak illi ghadu kemm gie riprodott ta' missierha, il-konvenut l-iehor, b'dan illi - naturalment - il-konvenuta mhix qed tinvoka in-nuqqas ta' negligenza fl-ezercizzju tal-kura rikjesta minn *bonus paterfamilias*. Dan l-aggravju tal-konvenuta, infatti, jaqra hekk:
"… in-nuqqas ta' attijiet jew intenzjonijiet doluzi min-naha ta' l-appellanti, u r-responsabilità primarja, diretta u preponderanti tas-socjetà attrici ghall-akkadut";

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut appellant Marco Psaila ghamel is-sottomissjonijiet tieghu dwar dik il-parti ta' l-ewwel aggravju tieghu fil-meritu - dik illi huwa ma kienx negligenti "fl-ezercizzju tal-kura rikjesta minnu bhala *bonus paterfamilias* fil-kura u l-kustodja tat-tifla minorenni tieghu" - fil-paragrafi enumerati minn tnax (12) sa sittax (16) tar-rikors ta' appell tieghu. Dana l-Qorti ma tistax ma turix l-apprezzament taghha ghall-mod studjat illi bih l-appellant ittratta dan l-aggravju tieghu u ma tistax ma tghidx illi hija taqbel ma dak espost f'din it-trattazzjoni. Sfortunatament ghall-konvenut appellant, però, f'din it-trattazzjoni huwa ma jghid xejn sabiex jirribatti dak illi qalet l-ewwel Qorti *in materja* f'dik il-parti mis-sentenza appellata illi sejra issa tigi citata u illi dina l-Qorti qed tissottolinea:
"Meta bintu telqet mid-dar, il-konvenut inqeda bil-mezzi li taghtih il-ligi biex igibha lura. Hu ma kienx jaf li kienet iffirmat ghal linja gdida hlief wara li ffirmat; madankollu, meta sar jaf, ma hax hsieb li minnufih jara kif jaghmel biex igharraf lill-attrici sabiex din tkun tista' tnaqqas it-telf. Ghalhekk, ghandu sehem mill-htija ghax ma ghamilx dak li, bil-ghaqal ta' missier tajjeb tal-familja, kien imissu jaghmel biex il-hsara ma tkomplix tikber."

Dina l-Qorti taqbel pjenament ma' dak illi qalet l-ewwel Qorti u illi ghadu kemm gie citat u, ghalhekk, ma tistax takkolja dik il-parti in ezami ta' l-ewwel aggravju fil-meritu tal-konvenut appellant;

Ikkunsidrat:

Kif già inghad, il-kumplament ta' l-ewwel aggravju fil-meritu tal-konvenut appellant u l-ewwel aggravju kollu fil-meritu tal-konvenuta appellanti huma identici u permezz taghhom qed jissottomettu illi l-agir tal-konvenuta mhux delittuz u illi s-socjetà attrici hija primarjament, direttament u preponderantement responsabbli ghall-akkadut;

Ikkunsidrat:

Meta fir-rikorsi ta' appell il-konvenuti ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom dwar l-agir tal-konvenuta Brigid Psaila huma ma qalu xejn dwar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn jinghad hekk:
"Fil-fehma tal-qorti, il-konvenuta ghandha htija ghal dak li gara. Hi stess xehdet li Chircop kien qalilha li riedha tiffirma ghal linja fuq isimha 'biex il-kont il-qadim ikun jista' jaqa'; *i.e.* biex Chircop ikun jista' jkompli jinqeda bis-servizz bla ma jhallas ghalih. Il-konvenuta, mela, kienet taf li, b'dak li kienet sejra taghmel, kienet sejra tghin lil Chircop jinqeda bis-servizz tat-*telephone* bla ma jhallas ghalih, u hekk iqarraq bl-attrici." (sottolinear ta' dina l-Qorti)

Dina l-Qorti taqbel mal-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti fis-silta tas-sentenza appellata illi ghadha kemm giet citata u, ghalhekk, tirrespingi dik il-parti ta' l-ewwel aggravju fil-meritu in ezami;

Ikkunsidrat:

Illi mid-dicitura uzata fl-ahhar parti ta' l-ewwel aggravju fil-meritu tal-konvenuti jirrizulta illi l-istess konvenuti qed jammettu - naturalment minghajr pregudizzju ghall-aggravji taghhom illi pprecedew din l-ahhar parti - illi huma in parti responsabbli ghall-akkadut. Dan jista' jigi dezunt mill-uzu tal-kelma "preponderanti" fl-istess aggravju. Jidher, ghalhekk, illi l-appellanti m'humiex jaqblu mal-mod kif saret id-distribuzzjoni tar-responsabbiltà mill-ewwel Qorti bejn is-socjetà attrici u l-konvenuti;

L-ewwel Qorti kkonkludiet illi anke s-socjetà attrici kienet in parti responsabbli ghall-akkadut u stabbiliet illi dan ir-responsabbiltà ghandha tinqasam kwantu ghal kwart (1/4) lis-socjetà attrici u kwantu ghar-rimanenti tlett kwarti (3/4) lill-konvenuti *in solidum* bejniethom. Dina l-Qorti, wara illi ezaminat l-atti processwali, kif ukoll ir-ragunijiet moghtija fis-sentenza appellata ghall-imsemmija partizzjoni tar-responsabbiltà, hija tal-fehma illi m'ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fir-rigward;

Illi, konsegwentement, anqas l-ahhar parti ta' l-ewwel aggravju fil-meritu ta' l-appellanti, ma tirrizulta fondata;

Ikkunsidrat:

Illi permezz tat-tieni (2) u l-ahhar aggravju taghhom il-konvenuti appellanti qed jissottomettu illi, fil-kliem testwali tar-rikorsi ta' appell, hemm "… nuqqas assolut ta' provi dwar il-*quantum* tad-danni". Fil-fehma ta' dina l-Qorti din is-sottomissjoni tammonta ghal eccezzjoni fil-meritu u, ghalhekk, mhix ammissiblli fi stadju ta' appell. Huwa xieraq illi, ghal dak illi jirrigwarda l-*quantum* tad-danni jigi citat is-segwenti bran mis-sentenza appellata:
"… Fil-fatt il-konvenuti ma humiex qeghdin jikkontestaw la li kienet il-konvenuta li ghamlet it-talba ghall-linja tat-*telephone* u lanqas il-*quantum* tat-talba." (sottolinear ta' dina l-Qorti)

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appelli - kemm dak interpost mill-konvenut Marco Psaila proprio et nomine u kemm interpost mill-konvenuta Brigid Psaila - billi tichadhom u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjes ta' din l-istanza konnessi ma' l-appell interpost mill-konvenut Marco Psaila proprio et nomine jigu sopportati kollha mill-istess konvenut u dawk konnessi ma' l-appell interpost mill-konvenuta Brigid Psaila jigu sopportati kollha mill-istess konvenuta.

---------------------------------TMIEM---------------------------------